# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-11 ta' Jannar 2001**

**Citazzjoni numru 140/99 GC**

**Container Storage Co. Limited**

**vs**

**Valletta Freight Services Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici Container Storage Co Limited gia Beltilhazna Containers Limited fl-ammont ta' erbat elef, sitt mija u tnejn u tmenin liri maltin u sittin centezmu (Lm4,682.60) import ta' bilanc ta' prezz ta' servizzi konsistenti f'"container storage charges" rezi mis-socjeta attrici;

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas dan id-debitu permezz ta' ittra ufficjali datata l5 ta'Dicembru, l998, li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata Dokument A., izda hija baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' l-imsemmi debitu;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-artikolu l67 et seq. tal-Kap. l2;

2. tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas minnufih lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef, sitt mija u tnejn u tmenin lira maltin u sittin centezmu (Lm4,682.60) import ta' bilanc ta' prezz ta' servizzi konsistenti f'"container storage charges" rezi mis-socjeta attrici;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-l5 ta' Dicembru, l998, u bl-imghax kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

1. In linea preliminari l-azzjoni attrici hija preskritta ghat-tenur tal-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili;

2. Illi subordinatament u fil-mertu, ghar-rigward ta' xi containers li setghu gew stored fil-perjodu bejn is-sena l992 u l993, dawn kienu jappartjenu lis-socjeta estera Tarros Spa. li m'ghadhiex rapprezentata f'Malta mis-socjeta konvenuta. Is-socjeta konvenuta ma kellhiex containers taghha f'dak il-perjdou u ghalhekk mhu dovut xejn mis-socjeta konvenuta;

3. Illi subnordinatament l-ammont mitlub mhux dovut u l-istess socjeta attrici fi zminijiet differenti talbet ammonti differenti dwar l-istess kreditu pretiz, liema pretensjonijiet dejjem gew respinti u kontestati mis-socjeta eccipjenti;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 1999 minn fejn jirrizulta li l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u minn fejn jirrizulta ukoll li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat illi l-partijiet naqsu li jippresentaw noti ta' sottomissjonijiet, kif kellhom il-fakolta' li jghamlu;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta konvenuta;

Is-socjeta attrici tippretendi li s-socjeta konvenuta hija debitrici taghha fis-somma ta' erbat elef, sitt mija u tnejn u tmenin liri maltin u sittin centezmu (Lm4,682.60) bilanc ta' somma akbar, import tal-prezz ta' servizzi konsistenti f'"container storage charges" rezi mis-socjeta attrici a favur tas-socjeta konvenuta. In linea preliminari s-socjeta konvenuta qed teccepixxi li din l-azzjoni tas-socjeta attrici hija preskritta ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

Dan l-artikolu jipprovdi illi l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ krediti gejjin minn operazzjonijiet kummercjali jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin. Jidher li s-socjeta attrici mhux qed tikkontesta li dawn il-provedimenti huma applikabbli ghan-negozju in kwestjoni u ghalhekk jidher li hu accettat li din l-azzjoni tista tkun preskritta jekk ghaddew aktar minn hames snin minn meta nghataw is-servizzi in kwestjoni sakhemm saret din il-kawza u jekk ma kienx hemm xi interruzzjoni jew ammissjoni da parti tas-socjeta konvenuta;

Il-manager tas-socjeta attrici kkonferma li l-ammont li qed jintalab mis-socjeta attrici jirrigwardja servizzi ta' "storage ta' containers" li nghataw lis-socjeta konvenuta matul il-perjodu bejn Ottubru l992 u Marzu 1993. Dan ix-xhud ikkonferma li huwa personalment diversi drabi kellem rappresentanti tas-socjeta konvenuta dwar dawn il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici u dawn kienu jghidulu li riedu jivverifikaw il-kontijiet. F'dan ir-rigward l-istess xhud ghamel referenza ghal ittra tas-socjeta konvenuta bid-data tal-21 ta' Lulju, l997, liema ittra giet esibita bhala dokument 'B' a fol.7. Jirrizulta ukoll li s-socjeta attrici fil-15 ta' Dicembru 1998 ippresentat ittra ufficjali kontra s-socjeta konvenuta dwar dawn il-pretensjonijiet u din l-ittra ufficjali giet notifikata lis-socjeta konvenuta fit-22 ta' Dicembru 1998 (dokument 'A' a fol.5);

In vista ta' dan kollu jirrizulta sufficjentement li din l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-imsemmi artikolu 2156(f). Difatti jirrizulta li s-servizzi in kwestjoni nghataw bejn il-1992 u Marzu 1993 u din ic-citazzjoni giet presentata fil-21 ta' Jannar 1999 u cioe aktar minn hames (5) snin wara li gew rezi dawn l-istess servizzi. Huwa minnu li qabel ma nbdew dawn il-proceduri giet presentata ittra ufficjali kontra s-socjeta konvenuta, pero' anke din l-ittra ufficjali saret wara li kien gia ghadda t-terminu ta' hames snin minn meta nghataw dawn is-servizzi. Lanqas ma jista jinghad li l-imsemmija ittra tas-socjeta konvenuta tal-21 ta' Lulju 1997 tikkostitwixxi xi ammissjoni. Lanqas ma jistghu jitqiesu bhala ammissjonijiet, dak li l-manager tas-socjeta attrici jghid li kienu jghidulu r-rappresentanti tas-socjeta konvenuta;

In vista ta' dan kollu, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kif sollevata mis-socjeta konvenuta, ghandha tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta u b'hekk tiddikjara li din l-azzjoni hi preskritta skond it-termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u konsegwentement it-talbiet kollha tas-socjeta attrici qed jigu michuda;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.